# Il-Kult ta' San Ġiljan f'Ħal Luqa

Kitba ta' Neil Zammit

Id-devozzjoni lejn San Ġiljan f'Ħal Luqa teħodna lura għas-seklu sittax. Fil-fatt, mir-rapport ta' Mons. Pietro Dusina fl-1575 nafu li f'Ħal Luqa kien hemm knisja ċkejkna ddedikata lil San Ġiljan Osptalier, biswit dik iddedikata lil Sant'Andrija Appostlu. Kellha altar wieħed bi kwadru żgħir impitter fuq l-injam. F'dik il-ħabta din il-knisja kienet tinsab mitluqa u kellha ħafna ħsarat. Għalhekk, Mons. Dusina ordna minnufih sabiex din tiġi rranġata, waqt li l-ispejjeż jitħallsu mill-beni li l-istess knisja kienet iddaħħal minn żewġt għelieqi li kellha f'Wied il-Knejjes (limiti tar-raħal).

Fl-1600, fuq ordni tal-Isqof Gargallo, ċertu Bażilju Farrugia beda jieħu ħsieb il-ħtiġijiet tal-knisja ta' San Ġiljan. Iżda nhar it-22 ta' Novembru 1615, il-qagħda tal-knisja tant kienet ħażina li l-Isqof Cagliares kellu jipprofanaha. Kellhom jgħaddu tal-anqas sitt snin oħra meta l-istess Bażilju Farrugia reġa' ħa l-inkarigu biex jieħu ħsieb il-knisja mill-ġdid. Iżda minkejja l-isforzi kollha li saru, din il-knisja reġgħet ġiet ipprofanata mill-Isqof Cagliares fl-1630.


Pittura li turi l-Knisja Parrokkjali l-Antika ta' Sant' Andrija f' Ħal Luqa.

Mat-twaqqif tal-Parroċċa ddedikata lil Sant'Andrija Appostlu fl-1634, il-knisja ċkejkna ta' San Ġiljan Ospitalier kellha tinħatt biex tagħmel il-wisa' għall-bini tal-knisja parrokkjali l-ġdida. Għaldaqstant, l-Isqof tad-Djoċesi ordna sabiex jitwaqqaf altar iddedikat lil San Ġiljan fil-knisja parrokkjali l-ġdida. Fil-fatt insibu li fl-1643, il-pittur Senglean Valerio Failla pitter il-kwadru ta' San Ġiljan għall-knisja parrokkjali, liema kwadru tħallas minn Bażilju Farrugia.

Aktar tard insibu illi fl-1717, il-patruni tal-altar ta' San Ġiljan taw il-kappellun lis-Sodalità tal-Agonizzanti, bil-kundizzjoni li l-kwadru ta' San Ġiljan xorta jibqa' bħala t-titular tal-kappellun. Iżda fuq talba tas-Sodalità tal-Agonizzanti, fl-1722 ingħata bidu għat-tibdil fuq stil barokk fil-faċċata tal-kappellun ta' San Ġiljan biex dan jinbidillu t-titlu u jsir tal-Agunija. Fil-fatt, sena wara, il-kwadru tal-kappellun iddedikat oriġinarjament lil San Ġiljan inbidel ma' pittura ġdida li turi lil Kristu Msallab flimkien mal-Madonna, San Ġwann

u l-Maddalena waqt li l-kwadru tal-Agunija li naraw illum tpitter fl-1729 minn artist mhux magħruf. Dan sab postu fil-kappellun tal-Agunija, u taħtu tpoġġa kwadru ta' San Ġiljan.

Mhux magħruf jekk dan il-kwadru żgħir hux l-istess wieħed li tpitter minn Valerio Failla fl-1643. Iżda aktarx li l-kwadru li naraw illum fis-sagristija tal-knisja parrokkjali huwa l-istess wieħed li tpoġġa fuq l-altar tal-Agunija fis-seklu tmintax bħala sotto-kwadru wara li saret il-modifikazzjoni meħtieġa.

**Referenzi**


Parroċċa Sant'Andrija, *Ħal Luqa 375 Sena ta' Fidi u Kultura Nisranija*, 2009

Dun Ġużepp Micallef, Ħal Luqa Niesha u *Ġrajjietha*, 1975




Il-Kwadru ta' San Ġiljan li jinsab fis-Sagristija tal-Knisja Parrokkjali ta' Sant' Andrija f' Ħal Luqa.


